Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15178/22

RESPR 42
FIN 1258
ECOFIN 1226
ENV 1199
CLIMA 627
FISC 233
UD 264
ENER 627
TRANS 737
AGRI 671
COMPET 946

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport tal-Presidenza dwar riżorsi proprji ġodda

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020[1], il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020[2] (FII) jipprevedi l-ħidma lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, li jenħtieġ li jiġbru ammont li jkun biżżejjed biex ikopri l-livell tan-nefqa globali mistennija għall-ħlas lura tal-kapital u l-imgħax tal-fondi mislufa li għandhom jintużaw għan-nefqa msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji (NextGenerationEU, il-parti tal-għotjiet). Il-FII jistabbilixxi wkoll pjan direzzjonali għall-għan tal-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda u jipprevedi li l-Kunsill għandu jiddelibera dwar l-ewwel pakkett qabel l-1 ta' Lulju 2022 bil-ħsieb tal-introduzzjoni tiegħu fl-1 ta' Jannar 2023.

F'dan il-kuntest, f'Diċembru 2021 il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex temenda d-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[3], li tkun tinkludi tliet riżorsi proprji ġodda bbażati fuq: l-iskema tal-UE għas-sistema ta' kwoti tal-emissjonijiet, mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u riforma tal-qafas tat-tassazzjoni korporattiva internazzjonali.

Mindu saret il-preżentazzjoni tal-proposti għal reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji (DRP) f'Diċembru 2021 u għar-regolamenti ta' implimentazzjoni relatati (MAR 3, IMSOR) fl-14 ta' Marzu 2022, il-korpi preparatorji tal-Kunsill qed jaħdmu fuq dawn il-proposti. Madankollu, huwa ċar li dawn id-diskussjonijiet jistgħu biss jiġu konklużi wara li jiġu adottati l-proposti settorjali għal strumenti li għandhom jiġġeneraw id-dħul addizzjonali.

Bħala parti mill-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni ppubblikat proposti leġiżlattivi dwar Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM)[4] u r-reviżjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)[5]. Fl-ewwel semestru tal-2022, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar dawn iż-żewġ regolamenti settorjali. F'Lulju 2022, il-Presidenza Ċeka bdiet negozjati mal-Parlament Ewropew dwar is-CBAM u dwar l-EU ETS riveduta.

---

1 Dokument EUCO 10/20 (paragrafi A29, 145-150).

2 Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

3 Dokument 15260/21.

4 Dokument 10871/21.

5 Dokument 10875/21.

Il-proposta leġiżlattiva sottostanti għat-tielet riżorsa proprja, ibbażata fuq is-sehem tal-profitti residwi minn intrapriżi multinazzjonali wara l-ftehim tal-OECD/G20 ta' Ottubru 2021 ser tiġi ppreżentata biss ladarba jiġu ffinalizzati d-diskussjonijiet tal-OECD dwar dan is-suġġett (aspettattiva attwali: nofs l-2023).

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-progress li sar matul il-Presidenza Ċeka fil-qasam tar-riżorsi proprji l-ġodda.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-ħidma matul il-Presidenza Ċeka kienet doppja: minn naħa waħda, ingħatat enfasi biex isir kemm jista' jkun progress fin-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposti settorjali disponibbli, is-CBAM u l-EU ETS. Dan il-pass huwa essenzjali għall-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda. Id-diskussjonijiet dwar liema sehem mid-dħul iġġenerat minn dawn l-istrumenti l-ġodda għandu jiġi allokat għall-baġit tal-UE jistgħu jibdew biss wara li jiġu adottati r-regolamenti settorjali sottostanti.

L-enfasi l-oħra tal-ħidma matul il-Presidenza kienet il-kontinwazzjoni tad-deliberazzjonijiet tekniċi dwar il-proposti għal reviżjoni tad-DRP u r-regolamenti ta' implimentazzjoni relatati (MAR 3 u IMSOR).

Mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM)

Fil-15 ta' Marzu l-Kunsill (ECOFIN) laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (CBAM)[6].

In-negozjati interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew bdew f'Lulju[7], bi progress sostanzjali miksub matul il-mandat tal-Presidenza Ċeka. Minn Lulju 2022 saru diversi trilogi politiċi u laqgħat tekniċi. Il-Presidenza tistenna li tagħmel aktar progress lejn il-finalizzazzjoni ta' dawn in-negozjati sa tmiem l-2022, bl-adozzjoni formali tar-Regolament CBAM mill-koleġiżlaturi li għandha ssir fl-ewwel xhur tal-2023.

---

6 Dokument 7226/22.
7 Dokument 10982/22.

Ta' min jinnota li t-test finali tas-CBAM ser jiddependi fuq elementi li jiġu diskussi f'fora oħra, b'mod partikolari t-trilogi mal-Parlament Ewropew dwar l-EU ETS.

Fid-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew dwar is-CBAM, sar evidenti li l-mudell ta' governanza tas-CBAM ser ikun aktar ċentralizzat milli fit-test tal-proposta leġiżlattiva, u għadd ta' kompiti operazzjonali relatati mas-CBAM ser jiġu allokati lill-Kummissjoni Ewropea. L-objettiv ewlieni tal-koleġiżlaturi huwa li jfasslu CBAM effettiv, prattiku u effiċjenti fir-riżorsi, li ma jirriżultax f'piż amministrattiv eċċessiv għan-negozji jew għall-awtoritajiet pubbliċi. L-għażla ta' mudell ta' governanza tas-CBAM aktar ċentralizzat, ladarba jiġi ffinalizzat formalment, ser twassal għal nefqa amministrattiva addizzjonali (għas-sistema tal-IT u l-persunal) għall-Kummissjoni. Il-mod kif għandha tiġi indirizzata din l-isfida ser jiġi deċiż f'diskussjonijiet futuri dwar il-baġit annwali.

Kif stipulat fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar is-CBAM, is-sjieda tal-irċevuti mill-bejgħ taċ-ċertifikati għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri. Dan huwa konformi mal-FII u mal-proposta tal-Kummissjoni, li tipprevedi li sehem mid-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM għandu jiġi ttrasferit għall-baġit tal-UE bħala riżorsi proprji fil-forma ta' kontribuzzjoni nazzjonali. Il-modalitajiet ta' implimentazzjoni attwali għall-użu tar-rikavati ta' dan l-istrument għad iridu jiġu diskussi fil-futur fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji, ladarba n-negozjati dwar ir-Regolament CBAM javvanzaw biżżejjed.

Sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS)

Fit-28 ta' Ġunju l-Kunsill (ENVI) laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament għal reviżjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)[8].

In-negozjati interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew bdew f'Lulju 2022, bi progress sostanzjali miksub matul il-Presidenza Ċeka. Minn Lulju 2022 saru erba' trilogi politiċi u bosta laqgħat tekniċi. Il-Presidenza għandha l-għan li tagħmel aktar progress sinifikanti u, jekk possibbli li ssib ftehim interistituzzjonali bbilanċjat sew fil-perjodu ta' żmien li jifdal, biex tikkonkludi dak il-ftehim sa tmiem l-2022.

[8] Dokument 10796/22.

In-negozjati qed jiffukaw kemm fuq kwistjonijiet politiċi ħafna kif ukoll fuq kwistjonijiet tekniċi u kumplessi, inkluż l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS għas-settur marittimu u ETS ġdida għall-bini u t-trasport bit-triq. Il-mekkaniżmi finanzjarji, inkluż il-bidliet potenzjali fil-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għall-Modernizzazzjoni, u l-użu tad-dħul tal-Istati Membri, kienu wkoll suġġetti ewlenin parti mid-diskussjonijiet. Minħabba l-għadd u l-importanza tal-kwistjonijiet politiċi pendenti kif ukoll l-interkonnessjonijiet importanti ma' proposti oħra fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'mod partikolari l-Fond Soċjali għall-Klima, l-elementi kollha proposti ġew ikkunsidrati bir-reqqa flimkien.

Il-Presidenza Ċeka tistinka għal riżultat ibbilanċjat li jikseb l-ambizzjoni klimatika mixtieqa b'mod kosteffettiv, billi tiżgura kontribut ġust bejn is-setturi, tissalvagwardja l-kompetittività tal-industrija Ewropea, u ma tħalli lil ħadd lura soċjalment.

Għalkemm inkiseb ħafna progress u n-negozjati twettqu f'atmosfera kostruttiva, id-daqs u l-kumplessità tal-fajl għad jeħtieġu aktar ħidma u sforzi qabel ma jkun jista' jintlaħaq ftehim ibbilanċjat sew.

Pilastru I

Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-allokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni bejn il-ġuriżdizzjonijiet ("il-Pilastru 1") għadha għaddejja fi ħdan il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti ("il-Qafas Inklużiv"). Fil-proposta tagħha biex temenda d-DRP, il-Kummissjoni pproponiet riżorsa proprja ġdida mħallsa mill-Istati Membri bl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ta' 15 % għas-sehem tal-profitti residwi tal-intrapriżi multinazzjonali, li ser jiġu riallokati lill-Istati Membri skont il-ftehim tal-Pilastru 1 ladarba jiġi implimentat.

Wieħed mill-għanijiet tal-ħidma fil-Qafas Inklużiv huwa li tiġi żviluppata Konvenzjoni Multilaterali, li mbagħad għandha tinfetaħ għall-iffirmar tal-partijiet kontraenti (mistenni mhux qabel nofs l-2023). Huwa biss ladarba din il-ħidma tkun tlestiet li l-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta proposta għal direttiva li tagħti effett lill-ftehim f'konformità mad-dritt tal-UE u f'konformità mar-rekwiżiti tas-suq uniku.

Pakkett tar-riżorsi proprji

Rigward il-ħidma fuq il-pakkett il-ġdid ta' proposti ppreżentat f'Diċembru 2021, inkluż id-DRP li għadha kif ġiet emendata, saret ħidma teknika fuq il-pakkett globali fl-istess ħin tal-ħidma settorjali.

Abbażi tal-mistoqsijiet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni pprovdiet tweġibiet għal mistoqsijiet tekniċi konkreti u ppreżentat diversi skedi tekniċi. B'mod partikolari, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji kellu diskussjonijiet dettaljati li ffokaw fuq: (i) is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi, id-data sottostanti u l-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni fil-proposti tagħha; (ii) id-dħul proġettat stmat mir-riżorsa proprja tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, kif ukoll mis-CBAM; u (iii) il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' aġġustament temporanju għas-solidarjetà għar-riżorsa proprja tal-ETS.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji kompla wkoll l-eżami tal-proposti dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (MAR 3) u dwar l-miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji (IMSOR), kif ippreżentati mill-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu 2022. Saru deliberazzjonijiet dettaljati fil-livell tekniku, bil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji jagħti attenzjoni partikolari lil, fost l-oħrajn, diversi elementi tar-riżorsa proprja tal-ETS (eż. l-irkantar u l-aġġustament tal-kwoti), ir-riżorsa proprja tas-CBAM (eż. pagament annwali, ċertifikati, mudell ċentralizzat), u r-riżorsa proprja bbażata fuq il-profitti riallokati (eż. il-proċess tat-taxxa sottostanti, il-miżuri ta' kontroll).

Fil-kuntest ta' dawn il-proposti u d-deliberazzjonijiet relatati, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppreżentat, fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji tas-6 ta' Ottubru 2022, l-opinjoni tagħha Nru 03/2022 dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex isir disponibbli regolament dwar tliet riżorsi proprji proposti ġodda[9]. Il-Qorti wieġbet ukoll mistoqsijiet u talbiet għal informazzjoni mid-delegazzjonijiet.

[9] L-Opinjoni Nru 03/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, fuq il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri u fuq il-profitti riallokati u dwar il-miżuri biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-flus kontanti.

Proposti futuri: It-tieni basket ta' riżorsi proprji ġodda

Kif previst fil-pjan direzzjonali tal-FII, il-Kummissjoni għandha tipproponi basket ġdid ta' riżorsi proprji sal-2024. Il-Kummissjoni indikat li biħsiebha tippreżenta dawn il-proposti l-ġodda diġà matul it-tielet kwart tal-2023.

III. KONKLUŻJONI

Fid-dawl tal-Ftehim Interistituzzjonali u tal-ħidma mwettqa s'issa bejn Lulju u Diċembru 2022 fuq id-diversi proposti ppubblikati mill-Kummissjoni, l-Istati Membri huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar matul il-Presidenza Ċeka.